MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Numru 1078/2008

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Daniel Scerri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta numru ta' identita' numru 368385M, akkuzat talli:

1. fil-31 ta' Ottubru 2008, ghal habta ta' bejn 22:00hrs u 23:00hrs, gewwa il-Wesgha tal-Knisja Tan-Nattivita hdejn il-Mina ta' Santa Liena Bormla, volontarjament hebb ghal-persuna ta' Nazzareno Lia u kkagunalu feriti ta' natura gravissima li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat storbju u glied.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala ricediv billi kiser il-provedimenti ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. J. Padovani LL.D, datata 18 ta' Settembru 2008, fejn gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li bih baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti skond l-Artikoli minnu citati fin-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tieghu.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi f'din l-udjenza tal-lum li insista fuqa anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.
Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat hu inutili kull dibattiment fuq il-provi li gew prodotti sa dan l-istadju tal-proceduri. L-ammissjoni meta hi volontarja u inkondizjonata tikkonstitwixxi stat ta' fatt meta l-imputat, bhala f'dan l-kaz, jinsisti fuqha.

Tali ammissjoni, fil-kaz in meritu, tolqot ir-reati dedotti kontra l-imputat mill-Avukat Generali u li jirriflettu dawk migjuba fit-tahrika.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 218, 338(dd), 17 u 533 tal-Kap 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446 qeghdha tikkundanna l-imputat ghal sentejn prigunerija sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 oltre €50 ammenda, oltre hlas ta' €116.31 spejjez inkorsi fin-nomina tal-espert fil-proceduri.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------